GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U ĦILIET TRANSVERSALI

# ĊIRKULARI

**Data:** **20 ta' Frar 2023** **Ref: DDLTS 7/2023**

**Għal:** **Kapijiet tal-Iskejjel Medji u Sekondarji (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja) u Sezzjonijiet**

**Minn:** **Dr. Omar Seguna – Uffiċċjal Edukattiv għal-Litteriżmu Diġitali**

**Suġġett:** **L-Implikazzjoni tal-Intelliġenza Artifiċjali fis-settur edukattiv**

---

L-Intelliġenza Artifiċjali daħlet f'kull settur tal-ħajja, fosthom dak edukattiv. Għal dan il-għan, id-Direttorat tal-Litteriżmu Diġitali u l-Ħiliet Transversali jixtieq jorganizza sessjoni *online* sabiex igħin lill-edukaturi jiffamiljarizzaw ruħhom ma' din ir-realtà ġdida. Fost l-aktar suġġetti pertinenti li se jiġu diskussi nsibu:

- L-aħħar żviluppi fl-introduzzjoni tal-intelliġenza artifiċjali fl-edukazzjoni u l-potenzjal tagħha biex ittejjeb it-tagħlim.
- Eżempji ta' għodod li jużaw l-intelliġenza artifiċjali u kif dawn jistgħu jwasslu għal tagħlim personalizzat u assessjar awtomatiku.
- Benefiċċji u żvantaġġi tal-edukazzjoni assistita mill-intelliġenza artifiċjali, għall-istudenti u għall-għalliema.
- Konsiderazzjonijiet ta' sigurtà u etika fl-użu tal-intelliġenza artifiċjali li jistgħu jolqtu lill-istudenti tagħna.
- L-irwol tal-intelliġenza artifiċjali fil-futur tal-edukazzjoni.

Is-sessjoni ser tkun animata minn Dr Omar Seguna u s-Sur Andre Bugeja nhar il-**Ħamis 23 ta' Marzu bejn il-11am u 12pm** u tista' jiġi aċċessata permezz ta' din il-ħolqa.

**Is-Sur Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**

t + 356 2598 1565/6 e digital-literacy@ilearn.edu.mt | www.education.gov.mt